



Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13760/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0244 (NLE)

AGRI 530
FORETS 47
DEVGEN 200
ENV 901
RELEX 994
JUR 625
PROBA 42
UD 283
COASI 145

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 556 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Implimentazzjoni ("KKI"), imwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali, b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 556 final.

Mehmuż: COM(2019) 556 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2019
COM(2019) 556 final

2019/0244 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Implimentazzjoni ("KKI"), imwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali, b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt dwar l-Implimentazzjoni ("KKI"), imwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-regoli ta' proċedura tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali ("il-Ftehim") għandu l-għan li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni Ewropea, mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, tal-injam u tal-prodotti tal-injam koperti mill-Ftehim ikunu ġew prodotti b'mod legali. Dan se jinkiseb permezz tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Garanzija tal-Legalità tal-Injam tal-Vjetnam ("VNTLAS") sabiex tivverifika li l-injam u l-prodotti tal-injam huma prodotti b'mod legali, u sabiex tiżgura li jiġu esportati lejn l-Unjoni biss il-konsenji li huma vverifikati f'dak ir-rigward. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2019.

2.2. Il-Komitat Konġunt ta' Implimentazzjoni

Il-KKI, previst fl-Artikolu 18 tal-Ftehim u deskritt aktar fid-dettall fl-Anness IX tal-Ftehim, iservi biex jiffaċilita l-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami ta' dan il-Ftehim. Il-KKI għandu jiffaċilita d-djalogu u l-iskambji ta' informazzjoni bejn il-Partijiet għall-Ftehim. Il-KKI għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' konsensus. Il-KKI għandu jkun kopresedut mill-Viċi Ministru, il-Ministru tal-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

2.3. L-att previst tal-KKI

Fil-ġimgħa mill-11 tal-15 ta' Novembru 2019, matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-KKI se jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jirregola kif il-Partijiet għall-Ftehim se jikkooperaw fi ħdan il-KKI. L-att previst jiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-KKI, il-possibbiltà li jitwaqqfu korpi sussidjarji taħt il-KKI, is-Segretarjat tiegħu, u kif għandhom jiġu organizzati l-laqgħat tal-KKI. L-att previst jipprevedi li l-KKI jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet permezz ta' konsensus bi proċedura bil-miktub, li jikkonsisti fi skambju ta' noti, kif mogħti s-setgħa skont il-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-att previst jipprevedi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-KKI mwaqqaf skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-KKI.

Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq l-abbozz tar-Regoli ta' Proċedura. Soġġett għall-proċeduri ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni, ir-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jiġu adottati fl-ewwel laqgħa tal-KKI, li hija skedata għal Novembru 2019.

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-KKI, meħmużin, jixbhu ħafna lil dawġ adottati mill-Kumitati Konġunt ta' Implimentazzjoni mwaqqfa minn Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji oħra.

L-adozzjoni ta' dan id-dokument huwa essenzjali biex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim isiru operattivi. B'mod iktar speċifiku, l-adozzjoni tiegħu tippermetti lill-KKI jimplimenta d-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 9 (nuqqas ta' qbil jew diffikultajiet persistenti li jwasslu għal konsultazzjonijiet dwar il-liċenzji tal-FLEGT), 10 (ilmenti mill-Evalwatur Indipendenti nnotifikati lill-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni), 12 (in-notifika, l-ikkummissjonar ta' valutazzjoni indipendenti tal-iskema tal-liċenzjar tal-FLEGT, u r-rakkomandazzjoni ta' data li fiha l-liċenzjar tal-FLEGT jibda jopera bis-siġħ), u 18 (it-twaqqif u l-funzjonament tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni) tal-Ftehim, kif ukoll l-Anness IX tal-Ftehim (il-Funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”*.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*¹.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-KKI huwa korp imwaqqaf minn ftehim, speċifikament il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali.

L-att li l-KKI huwa mitlub li jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali, billi jirregola kif il-Partijiet għall-Ftehim għandhom jikkollaboraw fl-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż fir-rigward tal-adozzjoni possibbli ta' emendi għall-Annessi tiegħu.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma marbutin, ġeneralment, mal-funzjonament tal-korpi internazzjonali mwaqqfa abbażi tal-Ftehim. Minn dan isegwi li l-qasam li fih taqa' d-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi ddeterminat fid-dawl tal-Ftehim sħiħ (il-Każ C-244/17, il-Kummissjoni v il-Kunsill (il-Każakistan), ECLI:EU:C:2018:662)). L-oġġettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jipprevedi qafas ġuridiku mmirat li jiżgura li l-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni Ewropea, mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, tal-injam u tal-prodotti tal-injam koperti mill-Ftehim, ikunu ġew prodotti b'mod legali. Il-komponent ewlieni tal-Ftehim huwa l-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażijiet ġuridiċi sostantivi għad-deċiżjoni proposta huma l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Implimentazzjoni ("KKI"), imwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali, b'rabta mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/854 tal-15 ta' April 2019¹, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2019.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 18(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni ("KKI") tal-Ftehim jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (3) Il-KKI se jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu matul il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Novembru 2019.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-KKI, għax ir-Regoli ta' Proċedura se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ li l-KKI jadotta, fl-ewwel laqgħa tiegħu, ir-regoli ta' proċedura mehmużin ma' din id-Deċiżjoni, sabiex tiġi żgurata kollaborazzjoni bla xkiel u trasparenti bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam sa mill-bidu nett fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, u eventwalment fir-rigward tal-iskema ta' Infurzar tal-Liġi, Governanza u Kummerċ fis-Settur Forestali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-KKI għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tar-regoli ta' proċedura tal-KKI mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
2. Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar għall-abbozz tar-regoli ta' proċedura mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, fid-dawl ta' żviluppi fil-Konferenza tal-Partijiet li ġejja, mir-

¹

rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President